# *Il-Ħamsin Sena tal-Parroċċa*

*Ivan Bugeja*



Is-sena elfejn u tmintax! Sena li bla ebda dubju hi importanti ħafna kemm għall-parroċċa kif ukoll għall-komunita` tagħha. Sena li matulha l-parroċċa qed tfakkar dak kollu li ġara f'dawn l-aħħar ħamsin sena. Ħamsin sena ta' storja, ta' rikordji, ta' ferħ u forsi anki ta' niket, imma li kollha flimkien kitbu poeżija mill-isbaħ, u li f'dan il-mument hekk uniku qed tirrakkonta u tfakkar bi ħlewwa liema bħala dak kollu li għaddiet minnha l-parroċċa tagħna. Huwa impossibbli li f'paġna jew tnejn tirrakkonta dak kollu li ġara f'dawn is-snin kollha. Għalhekk f'din il-ġabra qasira se nkun qed nagħti ħarsa lejn xi dati li fil-fehma tiegħi huma mportanti ħafna u li għalhekk huwa xieraq li wieħed ifakkarhom.

## L-EWWEL SNIN TAL-PARROĊĊA

Matul l-ewwel snin, fil-parroċċa kien sar ħafna xogħol u li fuqu nbena dak kollu li sar matul il-ħamsin sena ta' wara. Kien nhar l-1 ta' Jannar tal-1968 meta dakinhar twaqqfet il-parroċċa tagħna taħt it-titolu tal-'Immakulata Kunċizzjoni tal-Verġni Marija' b'digriet maħruġ mill-Arċisqof Mikiel Gonzi. Imbagħad nhar il-11 ta' Frar Dun Ġużepp Mifsud Bonnici ngħata l-pussess bħala l-ewwel kappillan tal-parroċċa.



L-ewwel festa parrokkjali kienet iċċelebrata fl-ewwel ġimgħa ta' Diċembru tal-1968, iżda sfortunatament il-maltemp kien irnexxielu jisfratta ħafna mill-attivitajiet ta' barra. L-istess kien ġara s-sena ta' wara u għalhekk fl-1970 kien ġie msejjaħ referendum fost il-parruċċani kollha sabiex jiddeterminaw jekk il-festa kellhiex tibqa` tiġi ċċelebrata fix-xitwa jew inkella tibdiex issir fis-sajf. Fost dawk li rrispondew kien hemm 807 li xtaqu li l-festa tibda ssir fis-sajf u 61 li riedu li tibqa` ssir fix-xitwa. Għalhekk mill-1971 il-festa ma baqgħetx issir f'Diċembru u minflok bdiet issir fl-ewwel Ħadd ta' Lulju.

## IL-PROĠETT TAT-TISBIEĦ TAL-KNISJA

Il-knisja parrokkjali nbniet fuq disinn ta' Ġuże` Damato u kienet lesta mix-xogħol tal-ġebel fil-

bidu t'Awwissu tal-1963. Sa dakinhar tal-ftuħ uffiċjali tagħha u anki fis-snin ta' wara l-knisja kienet għadha biss struttura mneżża minn kollox u għalhekk f'April tal-1976 kien inġieb Malta l-Monsinjur Valerio Vigorelli tal-Iskola Beato Angelico ta' Milan sabiex jara l-knisja u jagħti bidu għall-proġett tat-tisbieħ tagħha. Dan il-proġett ra l-bidu tiegħu f'Lulju tal-1977, bl-ewwel xogħlijiet ikunu dawk tal-installazzjoni ta' sistema ta' dawl ġdida, l-invjar tal-ħitan u ż-żebgħa tas-saqaf u l-koppla minn ġewwa. Il-proġett baqa` sejjer għal snin sħaħ saħansitra anki fi żmien il-Kappillan Dun Manuel Agius u dawk ta' warajh.



Proġett kbir kien dak tal-presbiterju, xogħol li kien fdat f'idejn id-Ditta Spiteri Sacco tal-Ħamrun u li kien inawgurat nhar is-7 ta' Diċembru tal-1982. Sena wara imbagħad sar proġett importanti ieħor, dak tat-titular tal-mużajk li hemm fin-navata prinċipali, xogħol li sar mid-Ditta T. Sarti tal-Italja. Dakinhar, matul l-istess ċerimonja kien inawgurat it-tabernaklu b'disinn tal-artist Ġanni Bonnici. Tajjeb insemmu wkoll illi fil-knisja nsibu xogħol artistiku ieħor tal-istess artist, dak tal-Via Sagra inawgurat fi Frar tal-1991.



Proġett ieħor li kompla sebbaħ lill-knisja kien dak tal-pavimentar tal-art tal-knisja. Ix-xogħol kien inbeda f'Diċembru tal-1986 fuq disinn ta' Dun Gino Gauci u kien lest f'April ta' wara. Il-granit użat kien tat-tip 'Grigio Sardo' u ,Capao Bonito' u x-xogħol kien sar mid-Ditta Mqabba Marbles. Biċċa xogħol artistika oħra fil-knisja hi l-antiporta li kienet bejn l-2001 u 2002 mid-Ditta St. Anthony Woodworks.

## ANNIVERSARJI



Fl-1978 fil-parroċċa kien ġie ċċelebrat l-10 anniversarju mit-twaqqif tal-parroċċa. Dakinhar kienet saret ċelebrazzjoni li tmexxiet mill-Isqof Emeritus Mikiel Gonzi u bħala tifkira kienet inkixfet l-istatwa tal-Immakulata Kunċizzjoni li hemm biswit il-knisja.

Għaxar snin wara l-parroċċa ċċelebrat l-20 sena tagħha u bħala tifkira nhar it-3 ta' Jannar tal-1988 kienet tpoġġiet l-istatwa tal-Kunċizzjoni li hemm fuq il-faċċata tal-knisja, xogħol fil-fibre magħmul mill-artist Ġorġ Atkins. Imbagħad fit-28 ta' Mejju saret il-Konsagrazzjoni tal-knisja mill-Arċisqof Ġużeppi Mercieca.



Fl-1993 il-Komunita` Parrokkjali fakkret il-25 sena mit-twaqqif tal-parroċċa. Bħala tifkira nhar it-30 ta' Mejju kien inawgurat u mbierek sett qniepen ġodda maħduma mid-Ditta Achille Mazzola tal-Italja.

L-40 sena tal-parrocca kien iċċelebrat matul l-2008 u bħala tifkira nhar it-2 ta' Lulju kienet inawgurata l-Kappella tal-Adorazzjoni. It-tberik kien sar mill-Arċisqof Pawl Cremona. Imbagħad fis-7 ta' Diċembru filgħaxija kien sar pellegrinaġġ fit-toroq bl-istatwa titulari tal-Immakulata Kunċizzjoni.

